**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 4 ta' Ottubru, 2023**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 14/2018**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Jonathan Roger Portelli**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 14 ta'l-2018 kontra Jonathan Roger Portelli detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 32782(M) akkużat:

i. Fl-Ewwel Kap talli nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta Kannabis jew f'xi preparazzjonijiet li

kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta′ awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta′ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta′ Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort′oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b′xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta′ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b′xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

ii. Fit-Tieni Kap talli nhar l-għaxra (10) t′Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta′ qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Kannabis meta ma kienx fil-pussess ta′ awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta′ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta′ Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort′oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b′xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli ta′ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b′xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u taħt tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-użu esklussiv tiegħu.

iii. Fit-Tielet Kap talli nhar l-għaxra (10) t′Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta′ qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta′ transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta Kannabis kollha jew biċċa minnha, jew ir-raża meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan meta ma kienx fil-pussess ta′ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta′ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort′ oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b′xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma′ kienx awtoriżżat bir-Regoli ta′ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b′xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' Jonathan Roger Portelli ppreżentata fit-28 ta' Settembru 2018 fejn eċċepixxa:

> "i. Illi fl-ewwel lok, l-inammissibilita' tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-esponenti u esebiti f'dawn l-atti bhala Dok F(a folio 13) u Dak G (a folio 15) stante li l-mod kif ittiehdu huwa leziv tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.
> ii. Illi fit-tieni lok, l-inammissibilta' tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispizjar Godwin Sammut esebita a folio 340 *et seq* u tar-relazzjonijiet mmarkati bhala Dok GS1 (a folio 343) u Dok CB2 (a folio 375) stante li minn imkien ma jirrizulta li l-Ispizjar Godwin Sammut ingħata xi inkarigu jew ġie nominat fl-atti ta' dawn il-proċeduri jew li ddepona skond kif jipprovdi l-Artikolu 646 tal-Kap 9."

**3**. Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-5 t'Ottubru 2018 (fol 19) fis-sensi tal-artikolu 438(3) tal-Kodiċi Kriminali li biha rrileva li tlieta mix-xhieda indikati huma rikjesti għal-fini ta' piena f'każ li tinsab ħtija filwaqt illi ssollevat l-inammissibilita' tax-xhieda ta' rappreżentant tal-Caritas/Sedqa u Oasi biex jixhdu dwar Joseph Grech u Christopher Bartolo.

**4**. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-23 ta' Settembru 2020 li permezz tagħha:

1. laqgħet l-eċċezzjonijiet sollevati mill-akkużat fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu tat-28 ta' Settembru, 2018 dwar l-istqarrijiet tiegħu u dwar l-inammissibilita' tad-dokumenti konsistenti f'kopji ta' żewġ relazzjonijiet tal-Ispiżjar Godwin Sammut u t-traskrizzjoni tax-xhieda tal-ispiżjar Godwin Sammut; u
2. ċaħdet l-eċċezzjoni sollevata mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu tal-5 t'Ottubru, 2018 dwar l-inammissibilita' ta' uħud mix-xhieda ndikati mill-akkużat fin-nota tal-eċċezzjonijet tiegħu**.**

**5.** Rat s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tat-22 ta' Settembru 2021 fejn ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali fejn din laqgħet l-ewwel eċċezzjoni iżda irrevokatha fejn kienet miluqgħa ukoll it-tieni eċċezzjoni u minflok għaddiet biex tiċħad l-istess.

**6**. Rat ir-rikors tal-akkużat ippreżentat quddiem il-Qorti Kriminali fit-22 ta' Lulju 2022 fejn talab illi jressaq eċċezzjoni ulterjuri u dan a tenur tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali.

**7.** Rat id-digriet tal-Qorti Kriminali tat-13 ta' Ottubru 2022 fejn it-talba tal-akkużat kienet milqugħa.

**8.** Rat l-eċċezzjoni ulterjuri imressqa mill-akkużat fl-14 ta' Ottubru 2022 fejn eċċepixxa l-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilż mill-atti proċesswali taż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mill-ko-akkużat Christopher Bartolo mal-Pulizija u l-istess stqarrijiet hekk kif in segwitu ġuramentati quddiem il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli mill-istess Bartolo billi l-mod ta' kif ittieħdu huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali ta' Bartolo hekk kif salvadwardjati mill-artikolu 39 tal-kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Dirttijiet tal-Bniedem u dana kif definittivament dikjarat u konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija nhar is-26 ta' April 2022 fl-ismijiet 'Christopher Bartolo v. L-Avukat tal-Istat', b'dana illi dawn il-provi għandhom jiġu meqjusa bħala provi inammissibbli a tenur tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodiċi Kriminali.

**9**. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-22 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri tal-akkużat Jonathan Roger Portelli u għalhekk iddikjarat inammissibbli l-istqarrijiet tal-ko-akkużat Christopher Bartolo li jinsabu fl-atti, kemm dawk ġuramentati u dawk li mhumiex, u konsegwentement ordnat l-isfilz tagħhom.

**10**. Rat l-appell imressqa mill-Avukat Ġenerali li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza appellata u minflok tiċħad l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-akkużat appellat Jonathan Roger Portelli u dana fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

**11**. Rat ir-risposta ppreżentata mill-akkużat Jonathan Roger Portelli tal-21 ta' Diċembru 2022 fejn talab lil din il-Qorti tiċħad l-appell tal-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**12.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**13.** Semgħet trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

**14**. Illi dan huwa appell minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali dwar eċċezzjoni preliminari ulterjuri mressqa mill-akkużat fejn l-Avukat Ġenerali ħassitha aggravata bis-sentenza appellata li warrbet bħala prova l-istqarrijiet tax-xhud tal-Prosekuzzjoni Christopher Bartolo mill-atti. Tilmenta l-Avukat Ġenerali illi ġaldarba dawn l-istqarrijiet rilaxxati mix-xhud Bartolo kemm lil Pulizija kif ukoll quddiem l-Inkwirenti ngħataw b'mod volontarju allura dina l-prova tiswa fil-konfront tal-appellat Portelli, ukoll għaliex l-liġi ma tagħtih ebda jedd li ma jkunx inkriminat minn terza persuna, iżda l-jedd li huwa jingħata huwa dak li ma jinkriminax lilu nnifsu. Fuq kollox, tikkontendi l-Avukat Ġenerali, l-pronunzjament kostituzzjonali mogħti fil-konfront tax-xhud Christopher Bartolo jiswa għalih biss billi s-sentenza tagħmel stat fil-konfront ta' dan ix-xhud, b'dan il-pronunzjament ġudizzjarju ma jsibx applikazzjoni ukoll favur l-appellat Portelli. Ir-rimedju li ngħata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza, ingħata unikament fil-konfront ta' Bartolo fil-proċeduri kriminali pendenti kontra tiegħu u ma ngħatax ukoll b'referenza għal proċeduri kriminali tal-ko-akkużat. Finalment tisħaq illi dina l-prova ma setatx tkun dikjarata inammissibbli fuq il-mera possibbilita' illi l-istqarrijiet ġuramentati tax-xhud ko-akkużat Bartolo jistgħu jagħtu lok għal ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-appellat Portelli.

**15**. L-appellat jilqa' għal dan l-appell intavolat mill-Avukat Ġenerali meta jikkontendi illi l-volontarjeta' tal-istqarrijiet rilaxxati mill-ko-akkużat ma għandhiex tingħata preċedenza fuq il-legalita' u l-ammissibbilita' tal-istess. Ġaladarba il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet illi ma għandu jsir ebda użu minn dawn l-istqarrijiet fis-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Bartolo, dan ifisser illi ma jista' jsir ebda użu minnhom f'ebda proċeduri ġudizzjarji mhux biss f'dawk kontra l-imsemmi xhud billi dan il-pronunzjament japplika *erga omnes*. Illi l-appellat jikkontendi illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel b'dawn l-istqarrijiet hija prova ewlenija u determinanti fil-proċess kriminali istitwit kontra tiegħu u ġaldarba din il-prova hija inkriminatorja kwindi għandha titwarrab għall-istess motivi li kienet imwarrba fil-konfront tax-xhud Bartolo nnifsu. Dan iktar u iktar meta l-produzzjoni ta' din l-evidenza ser issir bis-saħħa ta' dak dispost fl-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li hija eċċezzjoni għar-regola imfassla fl-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, b'dan għalhekk illi dawn l-istqarrijiet ma jistgħu qatt jkunu meqjusa li kienu rilaxxati b'mod volontarju kif jirrikjedi l-artikolu 30A, li huwa deroga għar-regola ġenerali dwar l-inammissibbilita' tal-istqarrija tal-ko-akkużat bħala prova. Finalment jirribbatti l-argument imressaq mill-Avukat Ġenerali illi il-pronunzjament kostituzzjonali magħmul kontra Bartolo jagħmel stat biss kontrih u mhux ukoll kontra tiegħu, meta jikkontendi illi huwa ma jistax jkun meqjus bħala xi terz estranju għal każ, iżda għandu il-figura tal-ko-akkużat fejn il-proċeduri huma intrinsikament marbuta ma' xulxin tant illi l-istqarrijiet ġuramentati jikkostitwixxu prova fit-termini tal-artikolu 30A tal-Kap.101 fil-proċess kriminali stitwit kontra tiegħu. L-appellat finalment huwa tal-fehma illi jekk prova iddikjarata illegali mill-ogħla qorti tal-pajjiż tkun imwarrab f'proċeduri kontra l-ko-akkużat, iżda mhux kontra tiegħu ukoll, allura tkun qed iseħħ xi forma ta' diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu bil-qrati japplikaw kejl differenti fil-każ tiegħu minn dak applikabbli fil-każ ta' Bartolo.

**16**. Illi l-Qorti Kriminali ddeċidiet din l-eċċezzjoni bil-mod segwenti:

> **"Din il-Qorti ser terġa' tirritjeni illi peress li l-akkuzat ghadu jrid jigi dikjarat hati *o meno* minn gurati bhala imhallfin tal-fatti, allura zgur li ma jistax jigi determinat, bhal fil-kaz suicitat, jekk il-proċeduri kriminali fil-konfront**

> **tieghu kienux fair fl-intier taghhom.** ***Di piu*****, din il-Qorti ghandha quddiemha sitwazzjoni fejn akkuzat li ghadu jrid jghaddi guri qieghed jitlob l-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz mill-atti processwali ta' stqarrijiet rilaxxati mill-ko-akkuzat Christopher Bartolo. Il-Qrati Kostituzzjonali, fi proceduri ntavolati minn Bartolo, ikkonkludew li m'ghandu jsir l-ebda uzu minn dawn l-istqarrijiet u dan sabiex titnehha il-bizgha li Bartolo jista' jgarrab ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. Din il-Qorti jidrilha li japplika l-artikolu 30A tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta u ghalhekk minkejja dak stipulat fl-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali, stante li dawn l-istqarrijiet nghataw volontarjament u Bartolo ma giex imgieghel, mhedded jew imwieghed xi vantagg sabiex jirrilaxxhom u jigguramentahom, allura x-xiehda tieghu tista' tingieb bi prova kontra l-akkuzat odjern. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Avukat Generali fl-oggezzjoni tieghu ghall-eccezzjoni mressqa mill-akkuzat Portelli. Jekk il-Qorti Kostituzzjonali ddeciediet li** ***ma ghandu jsir <u>l-ebda uzu</u> mill-istqarrijiet mahlufa li l-appellat ghamel quddiem il-Magistrat Inkwirenti*****, allura m'ghandhomx ukoll jintuzaw fil-proceduri kontra l-akkuzat. Din il-Qorti hi tal-fehma li jkun ghaqli li ma taghmilx uzu mill-istess stqarrijiet u dan sabiex anke tevita possibbilment ksur ta' drittijiet fondamentali."**

**17**. Minn qari tar-risposta tal-appellat kontenuta fir-rikors tal-appell u mis-sottomissjonijiet magħmula quddiem l-Qorti Kriminali mid-difiża, jidher illi huwa qiegħed isejjes l-eċċezzjoni tiegħu tal-inammissibbilita' tal-istqarrijiet ġuramentati rilaxxati mix-xhud/ko-akkużat Christopher Bartolo quddiem l-Inkwirenti, fit-termini tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq il-fatt illi dawn l-istqarrijiet ġew skartati bħala prova fil-proċess penali istitwit kontra Bartolo u dan b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta' April 2022 fejn dik il-Qorti idderigiet illi ma jsir ebda użu minn din l-evidenza. Illi kemm l-appellat, kif ukoll il-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata interpretaw din il-frażi adoperata fil-pronunzjament kostituzzjonali bħala li tfisser illi dawn l-istqarrijiet ma jistgħu jikkostitwixxu ebda prova f'kull proċess ġudizzjarju u b'mod speċjali ukoll f'dawk istiwtiti kontra l-ko-akkużat ma' Bartolo.

**18**. Illi qabel kull konsiderazzjoni legali dwar il-valur probatorju u l-ammissibbilita' tal-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel permezz tal-isqarrijiet ġuramentati ta' Christopher Bartolo, il-Qorti tistqarr minnufih li ma tistax taqbel ma' din l-

interpretazzjoni mogħtija lil pronunzjament kostituzzjonali fil-konfront tal-imsemmi Bartolo. Jibda biex jingħad illi minn qari tas-sentenzi kostituzzjonali li ngħataw kemm mill-Prim'Awla (sede kostistuzzjonali) kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali kemm fid-deċiżjoni li ttrattat l-allegat vjolazzjoni tal-jedd għal smiegħ xieraq fir-rigward tal-istqarrijiet rilaxxati minn Bartolo lil pulizija, kif ukoll fis-sentenzi li ttrattaw l-istqarrijiet ġuramentati mogħtija quddiem l-Inkwirenti, huwa evidenti li f'kull pronunzjament li ngħata nstab li sa dak l-istadju tal-proċeduri Bartolo ma kien sofra ebda vjolazzjoni tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq billi l-każ tiegħu kien għadu *sub iudice*, iżda bħala rimedju prekawzjonarju u billi dawk il-qrati dehrilhom illi jekk isir użu minn dawn l-istqarrijiet Bartolo <u>x'aktarx</u> li kien ser isofri tali leżjoni, billi dak dikjarat minnu kellu effett determinanti fuq il-piena li kellha tkun erogata fil-konfront tiegħu konsegwenzjali għall-ammissjoni minnu reġistrata, ingħatat direzzjoni sabiex fil-proċess kriminali pendenti fil-konfront tiegħu ma kellu jsir ebda użu minn dawk l-istqarrijiet. Zgur u mhux forsi li dawn id-deċiżjonijiet ma kellhom jirreferu għal ebda proċess penali ieħor għajr għal dak pendenti fil-konfront ta' dik il-persuna li kienet qed tallega illi l-użu minnhom fil-każ tiegħu kien ser iwassal għal leżjoni tad-dritt tiegħu (u ta' ħadd iktar) għal smigħ xieraq fl-ambitu tal-fattispecje ta' dak il-każ u mhux ta' oħrajn.

**19.** Intqal hekk fl-ewwel sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et.[1] li kien jitratta l-użu tal-istqarrijiet rilaxxati minnu lil pulizija:

> **"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan irrigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-**

[1] Rks. Nru.92/16 – deċiża 5/10/2018

**Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.**

**37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali."**

**20**. Illi mbagħad fil-kawza kostituzzjonali li segwiet u dan b'referenza issa għall-istqarrijiet ġuramentati magħmula minn Bartolo quddiem l-Inkwirenti, kien deċiż hekk mill-Qorti Kostituzzjonali[2]:

**"10. Illi, bħall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ssib li qajla jagħmel sens li l-istqarrijiet <u>ma jsirx użu minnhom fil-każ miexi kontra l-appellat</u>[3] (kif din il-Qorti ordnat li kellu jsir fl-ewwel kawża kostituzzjonali), imma mbagħad isir użu mill-istqarrija maħlufa tal-istess stqarrijiet. Iċ-ċirkostanzi li setgħu tebbgħu dawk l-istqarrijiet tebbgħu ukoll l-istqarrija maħlufa. Fil-fehma ta' din il-Qorti u b'mod partikolari minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u tal-aspetti personali tal-appellat, il-fatt waħdu li l-Maġistrat li quddiemha nħalfu l-istqarrijiet hija persuna imparzjali u tirrappreżenta awtorità ġudizzjarja, ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-mod kif ittieħdu dawk l-istqarrijiet ma kienx regolari u l-konferma tagħhom b'ġurament ma jsaffix dik l-irregolarita`, imqar jekk dak li jingħad fihom huwa s-sewwa. Jekk ma jingħad xejn dwar din l-istqarrija maħlufa jkun ifisser li min ma daħalx mill-bieb, qabeż mit-tieqa. Huwa minnu tassew, kif l-appellant jissottometti fir-rikors tal-appell tiegħu, li kien hemm drabi fejn din il-Qorti sabet li l-konferma b'ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti tal-istqarrijiet li jkunu saru quddiem il-Pulizija ma kinitx iġġib ksur tal-jedd għal smigħ xieraq bħalma setgħu jġibu l-istqarrijiet infushom. F'uħud minn dawk il-każijiet, il-Qorti ordnat it-tneħħija mill-atti tal-istqarrijiet li saru lill-Pulizija, imma mhux ukoll tal-istqarrija maħlufa quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Kif ingħad qabel, il-mod sommarju li bih inħalfu l-istqarrijiet quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, flimkien maċ-ċirkostanzi partikolari ta' saħħet l-appellat, ma jagħtux il-garanzija xierqa li dik l-istqarrija maħlufa hija għemil ġdid u ħieles tal-appellat. Għalhekk, din il-Qorti ma jidhrilhiex li jkun sewwa li l-istqarrija**

---

[2] Kost 26/04/2022 – Rks. Nru 255/20/3TA
[3] Sottolinjar tal-Qorti

**maħlufa magħmula mill-appellat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti għandha titħalla fl-atti tal-Att tal-Akkuża jew li jsir użu aktar minnha;**

**11. Illi dan ifisser ukoll li għalkemm jista' jkun li dik l-istqarrija maħlufa ma kisritx diġa` l-jedd fundamentali tal-appellat għal smigħ xieraq (minħabba li l-proċess kontrih għadu mhux mitmum), x'aktarx iġġiblu ksur ta' dak il-jedd li kieku wieħed kellu jqis dak li tgħid fiha u jimxi fuqha. Għalhekk, il-Qorti qiegħda twarrab din il-parti tal-ewwel aggravju tal-appellant. Għall-Qorti, dan ifisser ukoll li, kif se tirrileva aktar 'il quddiem, dan sejjer jeffettwa r-rimedju aħħari li se jingħata lill-appellat."**

B'dan ir-rimedju aħħari jkun is-segwenti:

**"(iv) Tordna li, biex ma jseħħx ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent, ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali mill-istqarrija maħlufa li huwa wettaq quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-27 ta' April, 2017, u li r-rikorrent jitqiegħed fl-istat li kienu dawk il-proċeduri sa qabel ma ngħatat l-imsemmija sentenza mill-Qorti Kriminali."**

**21**. Illi huwa indubitat għalhekk illi l-pronunzjament kostituzzjonali fil-konfront ta' Bartolo jolqot biss il-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu, b'din id-deċiżjoni ma tolqotx dawk il-proċeduri kriminali pendenti kontra l-ko-akkużat ukoll u dan għaliex il-fatt illi Bartolo ma kienx assistit minn avukat meta rrilaxxa l-istqarrija tiegħu jista' jilledi unikament id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq billi ma kellux dawk il-garanziji li tagħtih il-liġi kontra l-awto-inkriminazzjoni, u ċioe' il-garanzija imħaddna fil-jedd li jibqa' sieket u ma iwieġeb għall-ebda mistoqsija li kienet qed issirlu bil-għan illi huwa ma isofriex xi preġudizzju irrimedjabbli fil-proċeduri kriminali li kienu istitwiti kontra tiegħu. B'daqshekk ma jfissirx illi dak minnu mistqarr f'dawn l-istqarrijiet ma għandu ebda piż probatorju f'dawn il-proċeduri. Fuq kollox jekk dawn l-istqarrijiet ġuramentati jsir użu minnhom fil-proċeduri kontra l-ko-akkużat jistgħu iservu lil Bartolo ta' benefiċċju fil-kalibrazzjoni tal-piena erogabbli fil-konfront tiegħu bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**22**. Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, huwa indubitat illi din il-prova li qed tfittex li tagħmel il-prosekuzzjoni hija waħda permessa bil-liġi. Issa kif affermat għal

diversi drabi minn din il-Qorti, fl-ambitu tal-proċess penali, sabiex prova titqies illi hija inammissibbli, irid neċessarjament ikun hemm xi disposizzjoni tal-liġi penali li timpedixxi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem bħala evidenza. Issa f'dan il-każ taħt il-lenti tal-qorti, mhux biss ma tezisti ebda disposizzjoni tal-liġi bħal din li tista twassal għall-estromissjoni ta' din il-prova mill-atti, iżda l-liġi stess tfassal eċċezzjoni għar-regola esklużjonarja tax-xiehda tal-ko-akkużat bħala evidenza fil-proċess penali, meta fl-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta hemm dispost espressament illi f'każijiet dwar id-drogi, l-leġislatur speċifikatament ħoloq għodda ġdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkużat, u dan kif *del resto* sewwa irrimarkat il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha.

**23**. Illi għalkemm huwa prinċipju stabbilit tad-dritt penali illi il-ko-akkużat ma huwiex xhud kompetenti biex jixhed fil-proċeduri penali kontra l-ko-akkużat tiegħu, u dan qabel il-każ tiegħu igħaddi in ġudikat, madanakollu l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> **"Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta'vantaġġi."**

**24**. Illi l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar il-konfessjoni magħmula mill-awtur ta' reat kriminali li tista' tinġieb bħala prova fil-proċess kriminali BISS kontra dik il-persuna, u allura ma tiswiex bħala prova kontra xi persuna jew persuni oħra li jistgħu jissemmew f'dik il-konfessjoni u li allura jistgħu jkunu ġew implikati fil-kummissjoni tar-reat. Madanakollu, meta l-leġislatur fassal l-artikolu 30A tal-Kap.101, ħoloq eċċezzjoni għal din ir-regola esklużjonarja ta' evidenza meta jitkellem fuq dik id-dikjarazzjoni ikkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat bħala prova li tiswa

immaterjalment minn dak li jiddisponi l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali. Illi din id-diċitura adoperata mill-leġislatur, għalhekk, fiha nnifisha tikkostitwixxi deroga għal prinċipji ġenerali imfassla fil-Kodiċi Kriminali li jitkellmu dwar il-figura tal-ko-akkużat, dan dejjem bis-salvagwardja li l-ġurisprudenza, kemm dik nazzjonali kif ukoll dik ewropeja, titkellem dwarha b'insistenza, u dan sabiex ikun imħares b'mod sħiħ il-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq, bid-difiża ikollha jedd sħiħ ta' kontroll fuq dak mistqarr minn dan ix-xhud li jrid jinġieb fil-qorti biex isirlu l-kontro-eżami, ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi kkontemplati espressament fil-liġi meta xhud ma jistax hekk jinġieb, u dan kif superjorment deċiż fis-sentenza "Gravina"[4].

**25**. Illi l-QEDB fil-kawza ***Kostovski v. Netherlands*** (20 ta' Novembru, 1989) qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud miġjub kontra tiegħu "*does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.*"

> ***"93. The Court reiterates that the term "witness" has an "autonomous" meaning in the Convention system. Thus, where a deposition may serve to a material degree as the basis for a conviction, then, irrespective of whether it was made by a witness in the strict sense or by a co-accused, it constitutes evidence for the prosecution to which the guarantees provided by Article 6 §§ 1 and 3 (d) of the Convention apply (see Lucà, cited above, § 41, and Rudnichenko v. Ukraine, no. 2775/07, § 102, 11 July 2013). Alleged accomplices in an offence (convicted in prior proceedings) are also to be regarded as witnesses, for the purposes of Article 6 § 3 (d), when their statements are brought before the court who takes account of them in deciding the case against the applicants (see Mild and Virtanen v. Finland, nos. 39481/98 and 40227/98, § 43, 26 July 2005).***
>
> **......**

---

[4] Il-Pulizija vs. Pierre Gravina deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Mejju 2006 per Prim'Imħallef Emeritus Vincent De Gaetano

***96. In this connection, the Court observes that the wording of Article 6 § 3 (d) provides "for an accused to examine or have examined witnesses against him". In the Court's view once a co-accused or other accomplice makes statements incriminating another person (i.e. the accused), the former inevitably becomes "a witness against him" and should expect to be confronted by the accused as well as to be compelled to appear at trial for such purpose. Indeed, the absence under national legislation of any means to ensure the attendance of the accusers (charged with the same crime), for the purposes of examination, can be considered inadequate and can contribute to a finding of a violation of the rights of the accused (see, for example, Mild and Virtanen, cited above, §§ 46-48). However, the Court emphasizes that the status of "witness" given to a co-accused or an alleged accomplice (tried separately) does not detract from their own rights as accused persons or criminal suspects, including that of the privilege against self-incrimination (see, by implication, Cabral, cited above § 34). Indeed, such witnesses may be compelled to appear for the purposes of cross-examination but they cannot be compelled to give evidence.[5]"***

**26**. Spjanati dawn il-prinċipji ta' dritt, jikkonsegwi illi Christopher Bartolo huwa xhud kompetenti u jista' jixhed fil-konfront tal-appellat ġaldarba il-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu jaslu fit-tmiem tagħhom. Fil-ġuri l-appellat ser ikun debitament assistit u ser ikollu kull jedd li jikkonfronta lix-xhud u jagħmel dawk il-kontro-eżamijiet li jidhirlu xierqa. Huwa f'dan il-mument għalhekk, u mhux qabel, illi l-appellat ser ikollu id-dritt jattakka il-valur probatorju ta' din l-evidenza li hija ammissibbli fit-termini tad-dritt penali, kif ingħad.

**27**. Illi l-każ ta' *Mark Stephens* iċċitat mill-Qorti Kriminali superjorment, u li jippreżenta fattispeċje kważi simili, il-Qorti Kostituzzjonali[6] stqarret is-segwenti:

**25. Regarding the absence of legal assistance when Eyre released his two statements, this Court agrees with respondent in that <u>there is no fundamental human right for legal assistance during the pre-trial stage to safeguard any third parties from being incriminated</u>[7]. As the first court rightly observed, "*Access to legal counsel is a fundamental safeguard against self-incrimination by the person suspected of committing the crime ... a right which in the court's view is personal to***

---

[5]CASE OF ODDONE AND PECCI v. SAN MARINO – final 17/01/2020 – applications number 26581/17, 31024/17

[6] Deċiża 09/12/2013 Case no. 32/2012/1

[7] Sottolinjar tal-Qorti

***Eyre", who released the statements, and not to applicant who at that stage was merely a third party.***

**28**. Illi l-QEDB[8] imbagħad stqarret hekk f'dan il-każ ta' Stephens:

*64. The Court reiterates that under Article 6, it is not the Court's role to determine, as a matter of principle, whether particular types of evidence may be admissible. The question which must be answered is whether the proceedings as a whole, including the way in which the evidence was obtained, were fair. This involves an examination of the unlawfulness in question and, where the violation of another Convention right is concerned, the nature of the violation found (see Khan v. the United Kingdom, no. 35394/97, § 34, ECHR 2000-V; Jalloh, cited above, § 95; Bykov v. Russia [GC], no. 4378/02, § 89, 10 March 2009; and López Ribalda and Others v. Spain, nos. 1874/13 and 8567/13, § 83, 9 January 2018).*

*65. In determining whether the proceedings as a whole were fair, regard must nevertheless be had to whether the rights of the defence were respected. It must be examined in particular whether the applicant was given the opportunity of challenging the authenticity of the evidence and of opposing its use. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, including whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy. While no problem of fairness necessarily arises where the evidence obtained was unsupported by other material, it may be noted that where the evidence is very strong and there is no risk of its being unreliable, the need for supporting evidence is correspondingly weaker (see, among other authorities, Bykov, cited above, § 90; Khan, cited above, §§ 35 and 37; and more recently, Perliński v. Poland (dec.) no. 59131/11, 26 February 2019).*

*66. It follows that the use of evidence obtained as a result of a breach of Article 8, such as, for example, secretly taped material which was unlawfully obtained, does not necessarily conflict with the requirements of fairness guaranteed by Article 6 § 1 (see, for example, Khan, and Bykov, § 91, both cited above). The same can be said of the use of evidence obtained by conduct contrary to Article 6 § 1 (such as incitement) (see, for example, Matanović v. Croatia, no. 2742/12, 4 April 2017).*

*67. To the contrary, the admission of statements obtained as a result of torture or of other ill-treatment in breach of Article 3 as evidence to establish the relevant facts in criminal proceedings renders the proceedings as a whole unfair, irrespective of the probative value of the statements and irrespective of whether their use is decisive in securing the defendant's conviction (see Gäfgen v. Germany [GC], no. 22978/05, §§ 165-166, ECHR 2010). This is so even if the person who suffered the breach of Article 3 is a third person and not the applicant for the purposes of Article 6 (see Othman (Abu Qatada) v. the United Kingdom, no. 8139/09, § 263,*

[8] Deċiża finalment 14/05/2020 – Application no 35989/14

*ECHR 2012 (extracts) and mutatis mutandis, Urazbayev v. Russia, no. 13128/06, § 61, 8 October 2019).*

**29.** Il-QEDB ikkonkludiet illi

*….. However, the Court notes that the non-observance of one of the minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 will not lead to an automatic violation of that provision (see, for example and by implication, Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 and 3 others, 13 September 2016, and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, ECHR 2015). The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case. The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Beuze v. Belgium, [GC], no. 71409/10, §§ 120, 9 November 2018 and the case-law cited therein).*

*71. In doing so the Court will take into account, if appropriate, the minimum rights listed in Article 6 § 3, which exemplify the requirements of a fair trial in respect of typical procedural situations which arise in criminal cases. They can be viewed, therefore, as specific aspects of the concept of a fair trial in criminal proceedings in Article 6 § 1. Those minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 – such as for example, the right of everyone "charged with a criminal offence" to be effectively defended by a lawyer, which is one of the fundamental features of a fair trial – are, nevertheless, not ends in themselves: their intrinsic aim is always to contribute to ensuring the fairness of the criminal proceedings as a whole (ibid. §§ 122-123).*

*72. Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them.*

**30**. Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali għas-segwenti motivi:

i. Is-sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali huma ċari u dan fis-sens illi fihom hemm ordnat illi ebda użu ma jista' jsir mill-istqarrijiet ta' Christopher Bartolo fil-proċeduri penali stitiwti kontra tiegħu, u mhux ukoll kontra terzi.

ii. Illi l-prova li qed tfittex li tagħmel il-Prosekuzzjoni hija waħda legalment valida magħmula bis-saħħa ta' dak dispost fl-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

iii. Illi s-saħħa probatorja ta' din l-evidenza tista' titkejjel biss matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Dan għaliex il-Prosekuzzjoni trid neċessarjament tressaq lil Christopher Bartolo bħala xhud u dan b'rispett lejn il-kontradittorju, bl-appellat għalhekk ikollu id-dritt jikkontrolla dak mistqarr mix-xhud fl-istqarrijiet tiegħu.

iv. Illi huwa biss mill-ottika tal-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu illi finalment jista' jkun stabbilit jekk id-drittijiet tal-appellat għal smiegħ xieraq kienx b'xi mod mittiefes bl-użu tal-istqarrijiet ta' Christopher Bartolo f'dan il-każ pendenti kontra tiegħu.

**31**. Finalment, l-appellat jallega illi l-Qorti Kostituzzjonali stabbilit illi l-istqarrijiet guramentati ta' Christopher Bartolo ma kenux rilaxxati minnu b'mod volontarju, u għalhekk għandhom ikunu mwarrba għaliex inkisbu kontra id-dettami tal-artikolu 30A, hawn fuq iċċitat. Jibda biex jingħad illi l-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata tistqarr ċar u tond illi "***l-istqarrijiet ngħataw volontarjament u Bartolo ma giex imġiegħel, mhedded jew imwiegħed xi vantagg sabiex jirilaxxhom u jiġġuramentahom***." Minn din is-sentenza l-appellat ma ressaq ebda appell, għalkemm il-Qorti hija tal-fehma illi tali fatti jistgħu jemerġu biss matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, bl-apprezzament dwar il-valur probatorju ta' din l-evidenza titħalla f'idejn il-ġurati wara id-debita direzzjoni mill-Imħallef sedenti il-ġuri. Dan mistqarr, ma jidhirx madankollu illi l-Qorti Kostituzzjonali waslet biex twarrab din il-prova għar-raġuni affermata mill-appellat, kif lanqas hemm dikjarazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali f'dan is-sens. Mhux biss, iżda kif hawn fuq ċċitat dik il-Qorti ma setatx tirriskontra vjolazzjoni tal-jedd ta' Bartolo għal smiegħ xieraq u dan għaliex il-proċeduri penali fil-konfront tiegħu kienu għadhom ma ntemmewx u dan meta qieset illi **"għalkemm jista' jkun li dik l-istqarrija maħlufa ma kisritx diġa` l-jedd fundamentali tal-appellat għal smigħ xieraq (minħabba li l-proċess kontrih għadu mhux mitmum), <u>x'aktarx </u>iġġiblu ksur ta' dak il-jedd li kieku**

**wieħed kellu jqis dak li tgħid fiha u jimxi fuqha."** Dan ifisser illi kif kien prematur li jkun stabbilit jekk il-prova permezz tal-istqarrijiet ta' Bartolo kenux jilledu d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq, daqstant ieħor ma huwiex possibbli illi jkun stabbilit jekk hemmx leżjoni f'dan il-każ kontra l-appellat. Għalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mar-rimedju mogħti mill-Qorti Kriminali li iddeċidiet tiskarta din l-evidenza għar-raġuni unika "li jkun ghaqli li ma taghmilx uzu mill-istess stqarrijiet u dan sabiex anke tevita possibbilment ksur ta' drittijiet fondamentali", u dan meta l-proċeduri kriminali għadhom ma ġewx konklużi u mhux possibbli li jkun determinat *a priori* jekk din il-possibbilita' hijiex ser tavvera ruħha, iktar u iktar meta kif ingħad, din il-prova hija waħda magħmula skont il-liġi.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata b'dan illi l-eċċezzjoni ulterjuri sollevata mill-appellat qed tkun miċħuda.**

**Tibgħat l-atti lura quddiem il-Qorti Kriminali għal prosegwiment tas-smigħ tal-każ skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**